A.L. 106 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti Għall-Grad ta' Master of Philosophy — M.Phil.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' *Master of Philosophy* — M.Phil.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' MASTER OF PHILOSOPHY — M.Phil.

1. Il-Grad ta' *Master of Philosophy* — M.Phil. — jinkiseb wara l-eżami ta' teżi u eżami orali fil-qasam tar-riċerka tat-teżi.

2. Jistgħu japplikaw għall-kors li jwassal għall-grad ta' *Master of Philosophy* — M. Phil. — dawk il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dħul skond l-Ordinamenti relattivi.

3. (1) Kandidat li jissodisfa r-rekwiżiti tad-dħul għandu japplika lill-Bord tal-Fakultà għall-permess biex jirreġistra għall-Grad. Il-kandidat għandu:

(a) jagħti d-dettalji dwar il-qasam propost ta' riċerka; u

(b) iġib rakkomandazzjoni bil-miktub li dan ix-xogħol jista' jsir, mingħand persuna li hi direttament konċernata fit-tmexxija ta' l-istituzzjoni, laboratorju jew *unit* kliniku fejn hemm il-ħsieb li jsir ix-xogħol ta' riċerka.

(2) L-applikazzjoni ta' kandidat trid tkun aċċettata mill-Bord tal-Fakultà qabel ma kandidat ikun jista' jirreġistra għall-kors tal-Grad. Meta jaċċetta l-applikazzjoni tal-kandidat, il-Bord tal-Fakultà jinnomina *Supervisor* għax-xogħol ta' riċerka propost.

(3) Kandidat li jixtieq isegwi l-kors skond ir-regolament 5, (studju *part-time*) jeħtieġlu jagħti d-dettalji kollha dwar l-ammont ta' ħin li jista' jiddedika għax-xogħol ta' riċerka.

4. Kandidat li jkun aċċettat li jirreġistra għall-Grad, jeħtieġlu jgħaddi mhux inqas minn ħmistax-il xahar kalendarju iżda mhux aktar minn erbgħa u għoxrin xahar kalendarju wara r-reġistrazzjoni fi studji jew riċerka *full-time* fis-suġġett magħżul.

5. Kandidat jista', bil-kunsens tal-Bord tal-Fakultà, jissodisfa r-rekwiżiti fir-regolament 4 permezz ta' studju jew riċerka *part-time*, sakemm il-kandidat jagħmel dan

f'mhux inqas minn tletin iżda mhux aktar minn tmienja u erbgħin xahar kalendarji fi studji *part-time* u riċerka fis-suġġett magħżul.

6. Kandidat irid jissottometti t-teżi tiegħu fi żmien tliet xhur mit-tmiem tar-riċerka preskritta f'Regolamenti 4 jew 5. F'ċirkustanzi eċċezzjonali kandidat jista' bil-kunsens tas-Senat jissottometti t-teżi tiegħu f'data aktar tard kif jiddetermina s-Senat.

7. Kull kandidat irid iġib mis-*Supervisor* ċertifikat li jiddikjara li l-kandidat studja b'mod sodisfaċenti tul il-perijodu mitlub minnu. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun sottomess qabel jew fl-istess żmien tat-teżi.

8. Kandidat li jixtieq jissottometti t-teżi tiegħu għall-konsiderazzjoni ta' l-eżaminaturi jrid:

(a) jirreġistra għall-eżami; u

(b) jikkonsenja t-teżi lir-Reġistratur mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' Ġunju jew ta' Diċembru immedjatament wara din ir-reġistrazzjoni.

9. Il-parti l-kbira tax-xogħol sottomess irid ikun sar wara r-reġistrazzjoni ta' l-istudent bħala kandidat għall-Grad.

10. Kull teżi tiġi eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi magħmul minn tliet membri maħtura għal dan il-għan, li jinkludi s-*Supervisor* u l-Eżaminatur Barrani. Il-kandidat ikun jeħtieġlu jiddefendi t-teżi oralment quddiem il-Bord, jew quddiem dawk il-persuni oħra li jistgħu jinħatru mis-Senat għal dan il-għan.

11. Wara li jeżamina t-teżi, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirreferiha lura lill-istudent biex jirrevediha. F'każi bħal dawn, il-kandidat irid japplika lill-Bord tal-Fakultà għall-permess biex jissottometti t-teżi riveduta għall-eżami. Il-Bord tal-Fakultà jkun iggwidat fid-deċiżjoni tiegħu mir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Eżaminaturi iżda fil-każijiet kollha t-teżi riveduta trid tkun sottomessa għall-eżami fi żmien sitt xhur minn meta t-teżi oriġinali kienet riferuta lill-kandidat. Permess bħal dan jingħata darba biss.

12. Kandidat li jonqos li jissodisfa l-Bord ta' l-Eżaminaturi fl-eżami orali jista', fid-diskrezzjoni tal-Bord u bil-permess tal-Bord tal-Fakultà, jiġi eżaminat mill-ġdid oralment fi żmien perijodu ta' sitt xhur. Permess bħal dan jingħata darba biss.

13. (1) Kandidat għall-Grad jista', wara li jtemm tnax-il xahar ta' xogħol *full-time*, japplika biex jirreġistra għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy* — Ph.D. — bl-istess proġett. Il-Bord tal-Fakultà jikkonsidra applikazzjoni bħal din u jagħmel ir-rakkomandazzjoni tiegħu permezz tal-Kumitat tal-Ph.D. lis-Senat, wara li jikkonsulta s-*Supervisor*.

(2) Jekk din l-applikazzjoni tkun aċċettata mis-Senat, il-kandidat jeħtieġlu joqgħod għar-Regolamenti li jwasslu għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy* — Ph.D. — iżda ix-xogħol ġa magħmul għall-Grad jiswielu għar-rekwiżiti tal-grad ta' Ph.D. kif jidhru f'dawk ir-Regolamenti.